MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Rikors Numru. 87/2013

**Federation of Estate Agents**
**(numru ta registrazzjoni APA - 53)**

**vs**

**Direttur Generali (Kompetizzjoni),l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-assocjazzjoni Federation of Estate Agents, tal-11 ta' Novembru 2013 li jaqra hekk:

*1. "Illi l-assocjazzjoni rikorrenti hija assocjazzjoni ta diversi persuni li ghandhom negozju ta' 'estate agents' f'Malta u bhala tali hija wkoll persuna li tgawdi l-protezzjoni tad-drittijiet*

*fondamentali taht il-Kostituzzjoni ta Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali skond il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta ("il-Konvenzjoni");*

*2. Illi gew istitwiti proceduri legali kontra l-assojazzjoni rikorrenti da parti tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta Malta) in konnessjoni ma' allegat ksur tal-artikolu 5(1) tal-istess Att u 1-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") (li huwa applikabbli skond l-artikolu 5(5) tal-istess Att dwar l- Kompetizzjoni) u dan kif jirrizulta mill-istqarrijja ta oggezzjonijiet datata l-ewwel (1) ta Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (hawn annessa blala Dok. A) mahruga mill-istess Direttur fil-konfront tal-assocjazzjoni rikorrenti ai termini tal-artikolu 12A tal-istess Att;*

*3. Illi l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni kif ukoll id-Direttur Generali (Kompetizzjoni), li jmexxi l-Ufficcju, huma awtoritajiet amministrattivi kkreati mill-Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghandhom ir-responsabillta' u l-fakoltà, inter alia, li jinvestigaw, jiddeterminaw u jrazznu kondotta li hija pprojbita taht 1-artikoli 5 u 9 tal-Att dwar Il-Kompetizzjoni u l-artkoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") (ara artikolu 14 tal-Kap. 510) u huma moghtija poteri investigattivi estensivi ghal dan il-ghan (ara artikolu 12 tal-Kap. 379);*

*4. Illi, apparti ir-responsabbiltajiet, fakoltajiet u poteri ammnistrattivi u investigattivi, il-ligi taghti lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni), wara li jikkonkludi l-investigazzjoni, id-dover u l-fakoltà li jiddeciedi hu stess jekk kienx hemm ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u/jew l-artikoli 101 u/jew 102 tat-TFUE (ara artikolu 12A(6) tal-Kap. 379). F' kaz li jiddeciedi li kien hemm ksur, id-Direttur Generali ghandu johrog ordni jew ordnijiet kif kontemplat taht 1-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u ghandu wkoll il-fakoltà li jimponi multa li tissejjah 'multa amministrattiva" fuq kull intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi li tinstab hatja ta' ksur kif fuq imsemmi, liema multa tista' tlahhaq sa 'ghaxra fil-mija tad-dhul totali tal-intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi koncernati fis-sena ta' negozju ta qabel" (ara artikolu 21 tal-Kap. 379);*

*5. Illi, skond l-artikolu 13A tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, hemm dritt ta' appell "quddiem it-Tribunal tal-Appell". It-Tribunal tal-Appell imsemmi f'dan l-artikolu huwa t-Tribunal tal-Appell ghalI-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur li gie kkreat permezz tal-artikolu 31 tal-Att dwar l-Awtorità ta Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510) u huwa kompost minn lmhallef, li jippresedji t-Tribunal, u zewg membri ohra minn elenku ta' membri ordinarji maghzula mill-President. Rigward id-decizjoni tat-Tribunal tal-Appell hemm imbaghad dritt ta' appell fuq punt ta' ligi quddiem il-Qorti tal-Appell;*

*6. Illi l-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Generali u lit-Tribunal tal-Appell li jisimghu u jiddeciedu kaz ta' allegat ksur tal-istess Att u jaghtu ordnijiet u jimponu multa f'kaz li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u / jew l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u dan kif ser jigi spjegat;*

*7. Illi, tenut kont illi l-Att dwar il-Kompetizzjoni hija (a) ligi ta' dritt pubbliku intiza li tikkontrolla ghemil anti-kompettitiv fl-interess pubbliku; (b) timponi multi severi; (c) liema multi huma ta' natura penali u ntizi li jkollhom "[a] deterrent effect" (kif anke jirrizulta minn paragrafu 68 tal-istqarrija ta' oggezzjonijiet— Dok, A), kazijiet ta' allegat ksur tal-artikolu 5(1) tal-istess Att u l-artikolu 101(1) TFUE, inter alia, huma "reati kriminali" skond l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u "criminal charges / offences" skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ghaldaqstant l-istqarrijja ta oggezzjonijiet mahruga fil-konfront tal-assocjazzjoni rikorrenti (Dok. A) hija akkuza ta'"reat kriminali" ghat-tenur 39(1) tal-Kostituzzjoni u "criminal charge" skond l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;*

*8. In tema legali, jigi rilevat li skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Qorti Ewropea"), il-klassifikazzjoni ta' ksur ta' disposizzjoni legali fil-ligi domestika bhala 'amministrattiva' jew 'regolatorja' mhux determinanti (ara Ozturk v Germany Series A, No 73 (1984) 6 EHRR 409, para 51-53; Menarini Diagnostics SRL v Italy 27 Settembru 2011, para 38-42; Bendenoun v France 19 Gunju 2003, para 45 u 47; Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden 23 LuIju 2002, para 76-82). Il-fatturi principali relevanti gall-karatterizzazzjoni tal-ligi partikolari huma dawk imsemmija fil-paragrafu precedenti u cioè: in-natura tal-ligi (Bendenoun v France, para 47); is-severità tal-piena (Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden, para 80), u l-iskop penali u*

*deterrenti tal-multa (Bendenoun v France, para 47 u JB v Switzerland 3 Mejju 2001, para 48);*

*9. llli, skond il-ligi impunjata, il-penali u s-sanzjonijiet li tista' tehel l-assocjazzjoni rikorrenti jistghu jkunu ta' natura ingenti. Kif indikat fis-sezzjoni 3.1 tal-istqarrija ta' oggezzjonijiet (Dok. A) fil-kaz prezenti 1-multa tista' tlahhaq sa cirka miljun, mitejn u hames mitt elf euro (EUR 1,250,000) u f' kaz ta' nuqqas ta hlas ta' din il-multa hekk imsejha 'amministrattiva' jiskattaw reati u multi ta' natura kriminali ohra, u dan jiddetermina illi l-proceduri kontra l-assocjazzjoni rikorrenti huma ta' natura kriminali. Jigi rilevat ukoll illi multi imposti minn awtoritajiet kompetenti dwar il-ligi tal-kompetizzjoni f' pajjizi Ewropej li ghandhom sistemi simili bhal taghna gew karatterizati bhala* <u>*multi kriminali*</u> *(Societé Stenuit v France (1992) 14 EHRR 509; Jussila v Finland 23 November 2006, para 43 u Menarini Diagnostics SRL v Italy (27 Settembru 2011, para40-42);*

*10. Illi I-Kostituzzjoni tezigi li akkuzi ta' reati kriminali jigu determinati eskluzivament minn Qrati, u minn ebda entita' ohra. Infatti mentri fis-subartikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li jirrigwarda reati kriminali, jintuzaw il-kliem "*<u>***qorti*** *indipendenti*</u> *u imparzjali mwaqqfa b'ligi", fis-subartikolu (2) li jirrigwarda drittijiet jew obbligi civili jintuzaw l-kliem "qorti jew awtorita' ohra gudikanti". Il-kelma 'qorti' ma tinkludix kull forma ta' tribunal jew post fejn il-gustizzja tigi amministrata u ghaldaqstant il-kelma 'qorti' tinkludi* <u>*biss*</u> *il-qrati kostituzzjonali, kriminali u civili, kemm superjuri u inferjuri (ara artikoli 95 u 99 tal-Kostituzzjoni u Kummissarju ta' 1-Artijiet vs Igantius Licari noe (Appell Kost Numru 9/2001/1; 30 June 2004);*

*11. Illi la t-Tribunal tal-Appell u lanqas id-Direttur Generali ma huma Qrati skond il-Kostituzzjoni. Ghalhekk, gialdarba gie stabbilit li l-proceduri skond 1-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, li hija rinfaccjata bihom l-assocjazzjoni rikorrenti, huma ta' natura kriminali, dawn il-proceduri fil-konfront tal-assocjazzjoni gew istitwiti u ser jigu determinati minn organi li ma humiex Qorti, bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taht 1-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;*

*12. llli, inoltre, id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni ma jistghux jitqiesu bhala tribunali u lanqas huma 'indipendenti u imparzjali'. Kif fuq imsemmi, dawn huma awtoritajiet amministrattivi u l-iskop u rresponsabilità principali taghhom huma*

*dawk li jinvestigaw u jenforzaw ksur allegat tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni. Dawn huma funzjonijiet aktar simili ghall-funzjonijet tal-Pulizija Ezekuttiva u tal-prosekuzzjoni u ghalhekk huma intrinsikament inkompatibbli mal-funzjonijiet agudikativi ta' 'tribunal indipendenti u imparzjali', u dana bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;*

*13. Illi d-dritt tal-appell moghti mil-ligi ma jissodisfax ir-rekwizit tal-indipendenza u imparzjalita imsemmija fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 1-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghaliex akkuzi li huma ta' natura kriminali ghandhom jigu determinati, f'kull istanza, minn Qorti / tribunal indipendenti u imparzjali (ara Findlay v United Kingdom 25 Frar 1997, para 79). Dan ukoll billi l-prezentata ta appell quddiem it-Tribunal tal-Appell (illi lanqas huwa Qorti skond il-Kostituzzjoni) m'ghandhiex l-effett li "tissospendi l-ordni, multa amministrattiva u, jew il-hlas ta' penali kwotidjana li dwarhom qed isir l-appell" (artikolu 13A(3) tal-Kap. 379) sakemm it-Tribunal tal-Appell fuq talba ghal dan 1-iskop ma jiddecedix mod iehor. Dan ifisser ukoll illi, bhala regola, persuna ssir soggetta ghal piena kriminali* ***qabel*** *ma jigi determinat il-kaz quddiem tribunal indipendenti u imparzjali;*

*14. Illi, ghalhekk, 1-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni huma inkompatibbli mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. lnoltre, huma inkompatibbli mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, mhux biss ghaliex l-awtoritajiet gudikanti ma humiex Qrati, izda wkoll minhabba nuqqas ta garanzija ta' imparzjalità u indipendenza ghall-aspetti kollha u fl-istadji kollha tal-process;*

*15. Illi permezz ta' ittri mibghuta ghan-nom tal-assocjazzjoni rikorrenti, wahda datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), indirizzata lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u l-ohra datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) lill-Avukat Generali saret referenza ghall-kliem "kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata" uzati fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u dawn gew interpellati jirrimedjaw il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi tigi rtirata l-istqarrija tal-oggezzjonijiet u jieqfu l-proceduri fil-konfront taghha. Dan nonostante, id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) kompliet ghaddejja bil-proceduri imsemmija;*

*16. Illi l-istituzzjoni u t-tkomplija ta' dawn il-proceduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tal-assocjazzjoni esponenti kif fuq inghad;*

*Ghaldaqstant l-assocjazzjoni esponenti, ghar-ragunijiet premessi, titlob bir-rispett illi dina 1-Onorabbli Qorti joghobha taghitiha kull rimedju xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha, fosthom:*

*(i)* *Taghti provvediment ad interim b'mod urgenti sabiex jigu immedjatament sospizi sakemm tigi deciza din il-kawza Kostituzjonali, il-proceduri legali fuq imsemmija, li gew istitwiti kontra l-assocjazzjoni rikorrenti da parti tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u/jew l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma' allegat ksur tal-artikolu 5(1) tal-istess Att u l-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE");*

*(ii)* *tiddikjara illi 1-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Generali u lit-Tribunal tal-Appell li jisimghu u jiddeciedu kaz ta' allegat ksur tal-istess Att u/jew id-disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni kontenuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jaghtu ordnijiet u jimponu multa f'kaz li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta Malta;*

*(iii)* *tiddikjara illi 1-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Generali u lit-Tribunal tal-Appell li jisimghu u jiddeciedu kaz ta' allegat ksur tal-istess Att u/jew id-disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni kontenuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jaghtu ordnijiet u jimponu multa f'kaz li jsibu ksur, huma inkompatibbli u inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

*(iv)* *konsegwentement tiddikjara l-istess disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 12A,13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni nulli u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dana skond 1-artikolu 6 tal Kostituzzjoni u 1-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;*

*(v)* *tiddikjara illi l-proceduri legali istitwiti kontra l-assocjazzjoni rikorrenti da parti tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma' allegat ksur tal-artikolu 5(1) tal-istess Att u 1-artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li huwa applikabbli skond 1-artikolu 5(5) tal-istess Att dwar il-Kompetizzjoni) u dan kif jirrizulta mill-istqarrija ta' oggezzjonijiet datata l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (hawn annessa bhala Dok. A) mahruga mill-istess Direttur fil-konfront tal-assocjazzjoni rikorrenti ai termini tal-artikolu 12A tal-istess Att u t-tkomplija tal-istess proceduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taht 1-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 1-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;*

*(vi)* *tiddikjara l-proceduri mibdija mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u/jew l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni kontra 1-esponenti bhala nulli u/jew li m'ghandhomx effett ghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi u ghalhekk twaqqaf lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u/jew l-Ufficcju ghaIl-Kompetizzjoni milli jkomplu bil-proceduri fil-konfront tal-assocjazzjoni rikorrenti u / jew jaghtu decizjoni dwar il-kaz;*

*(vii)* *tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu d-danni morali ghall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti.*

*Bl-ispejjez."*

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni), Tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat Generali tat-3 ta' Dicembru 2013 (a fol. 67 et seq.) li taqra hekk:

*1. "Illi preliminarjament l-Onorevoli Prim Ministru gie mharrek ghalxejn f'dawn il-proceduri kostituzzjonali billi dan il-gudizzju jinsab bizejjed integru skont l-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** bil-prezenza tal-intimati l-ohra fil-kawza. Fuq kollox imbaghad, 1-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex involut la direttament u lanqas indirettament fil-proceduri ta infurzar tal-ligi tal-kompetizzjoni li hemm ghaddejja fit-konfront tal-ghaqda rikorrenti. Ghalhekk fin-nuqqas ta' legitimazzjoni passiva, l-Onorevoli Prim Ministru ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju;*

*2. Illi l-azzjoni tal-ghaqda rikorrenti hija intempestiva billi sa issa ghad ma hemm l-ebda <u>decizjoni finali</u> min-naha tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) li sabet lill-ghaqda rikorrenti responsabbli ghal xi ghemil li jfixkel jew ixekkel il-kompetizzjoni skont 1-**artikolu 5 (1) tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta**, bhalma lanqas ma ttiehdet l-ebda decizjoni finali li kkundannat lill-istess ghaqda ghal xi hlas ta' multi amministrattivi;*

*3. Illi d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) m'ghandux l-ahhar kelma fil-proceduri tal-kompetizzjoni li hemm pendenti fil-konfront tal-ghaqda rikorrenti minhabba li d-decizjoni tieghu tista' tigi sindikata u mwarrba mit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur u sahanistra mill-Qorti tal-Appell skont kif dixxiplinat fil-procedura mfissra fl-**artikolu 13A tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta**. F'din il-ghaqda, minhabba li l-ligi ordinarja tipprovdi l-possibilità ta zewg suriet ta appelli, wiehed ghandu jifhem li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) mhijiex ghal kollox finali u vinkolanti fil-parametri tal-kuncett tal-jedd ta' smiegh xieraq kif interpretat fil-gurisprudenza. Jigi b'hekk, li la d-decizjoni tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) mhijiex finali u tista' dejjem tigi attakata quddiem qrati u tribunali gudizzjarji, allura l-process mizmum quddiem id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) ma jaqax taht il-morsa tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** (ara **Mustefa Mustefa Al Muhamad vs. Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet lnterni et** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta Frar 2012);*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi ghalkemm l-esponent ma jichdux li l-multi amministrattivi bhal dawk jistghu jigu imposti taht il-**Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta** jistghu jitqiesu bhala forom ta' 'pieni ta' natura kriminali' fl-ambitu tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza **Engel u ohrajn vs. L-Olanda** tat-8 ta' Gunju 1976, min-naha l-ohra pero fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inzammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqghu fil-kategorija ta' "hard core of*

*criminal law' u "cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law";*

*A propozitu, multi amministrattivi mnissla mill-ligi tad-dwana, minn proceduri dixxiplinari fil-habs, mill-ligi tal-kompetizzjoni u mill-ligijiet fiskali kollha kemm huma tqisu li ma jappartjenux lill-kategoriji tradizzjonali li jaqghu taht il-ligi kriminali u allura f'dawn il-kazijiet "the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency" (ara fost ohrajn* ***Société Stenuit vs. Franza*** *tas-27 ta' Frar 1992 u* ***Bendenoun vs. Franza*** *tal-24 ta' Frar 1992);*

*Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi billi l-kaz involut f'din il-vertenza mhuwiex 'hard core of criminal law' allura ma japplikax il-principju mnissel mis-sentenza* ***Findlay vs. Ir-Renju Unit*** *citata mill-ghaqda rikorrenti fit-13 il-paragrafu tar-rikors kostituzzjonali taghhom, b'dana li f'dan il-kaz m'hemmx ghalfejn li fl-ewwel istanza l-proceduri jitmexxew quddiem qorti;*

*5. Illi b'rabta mal-premess, billi l-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li multi amministrattivi bhal dawk imissla mill-ligijiet tal-kompetizzjoni huma 'outside the hard core of criminal law' allura ma hemm xejn inkompatibbli mal-jedd ta' smiegh xieraq illi fl-ewwel istanza l-multi amministrattivi jigu imposti minn awtoritajiet amministrattivi li ma humiex gudizzjarji (ara inter alia* ***Jussila vs. Il-Finlandja*** *deciza fit-23 ta' Novembru 2006 u* ***Hüseyin Turan vs. it-Turkija*** *deciza fl-4 ta' Marzu 2008);*
*Tabilhaqq bi twegiba ghat-tnax il-paragrafu tar-rikors kostituzzjonali, ma hemm xejn hazin mal-principji tal-jedd ta' smiegh xieraq li l-impozizzjoni ta' pieni amministrattivi jigu imposti fl-ewwel istanza minn organi amministrattiv li jkollu setghat kemm investigattivi u kemm li jaghti decizjonijiet (ara* ***Janosevic vs. L-lsvezja*** *deciza fil-21 ta' Mejju 2003);*

*6. Illi mbilli 1-multi amministrattivi jistghu jilhqu ammonti ta flus kbar ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgthu jigu imposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara* ***Bendenoun vs. Franza*** *tal-24 ta' Frar 1992);*

*7. Illi sakemm id-decizjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tigi mistharrga u sindikata minn awtorità moghnija b'funzjonijiet gudizzjarji allura ma hemm l-ebda problema mal-htigijiet tas-smiegh xieraq. Illi skont il-gursprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drttijiet tal-*

*Bniedem, ara* ***Janosevic vs L-Isvezja****, huwa kompatibbli  ma Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghal  awtorità amministrativa li tghaqqad poter investgattv u tehid ta decizjonijiet bhall-Ufficcju sakemm hemm possibbilita' ghal appell, "before a judicial body that has full jurisdiction, including the power to quash in all respects, on questions of fact and law, the challenged decision' Fi kliem iehor, huwa biss jekk ma jestix dritt ta appell mid-decizjoni tal-organu amministrattiv li wiehed jista' jitkellem fuq potenzja ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Bil-kontra jekk wiehed skont il-ligi ordinarja jkun jista' jattakka d-decizjoni tal-organu amministrattiv quddiem organu gudizzjarju allura ma jkun hemmx problemi mal-jedd ta' smiegh xieraq;*

*Appuntu fil-kaz taghna, kif inghad aktar kmieni, id-decizjoni tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) tista' tigi attakkata u anke mhassra sahanistra quddiem zewg fora gudizzjarji differenti, l-ewwel quddiem it-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur u sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell kif kollegjalment komposta u dan skont kif specifikat fl-****artikolu 13A (4) u (5) tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta;***

*Jigi b'hekk, li l-ligi Maltija dwar l-infurzar tal-kompetizzjoni hija kompatibbli mal-jedd ta smiegh xieraq kif dan gie interpretat fil-gurisprudenza internazzjonali fil-forum tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*8. Illi fuq kollox dan l-ahhar il-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* ***Menarini Diagnostics S.R.L. vs. l-Italja*** *(App. 43509/08) deciza fis-27 ta' Settembru 2011 ippronunzjat li proceduri ta kompetizzjoni fejn bhas-sistema Maltija jigu imposti multi minn awtoritajiet amministrattivi, dawn m'ghandhomx jitqiesu bhala inkompatibbli mal-jedd ta' smiegh xieraq, jekk dawn id-decizjonijiet amministrattivi jistghu sussegwentement jigu mistharrga minn organi gudizzjarji indipendenti u imparzjali. Fi kliem il-Qorti ta' Strasburgu stess, "La conformita' con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorità amministrativa. Si presuppone pero' che la decisione di un' autorità amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena (Schmautzer, Umlauft, Gradinger, Pramstaller, e Palaoro Pfarrmeier c. Austria, sentenza del 23 Ottobre 1995, la nostra serie A, 328 AC e329AC, §34, 37, 42e 39, 41 e 38)";*

*9. Illi dan 1-istess hsieb, cjoè li ma hemm xejn hazin fis-sistemi ta' infurzar ta kompetizzjoni u fl-impozizzjoni ta' multi minn awtoritajiet amministrattivi gie mseddaq ukoll minn bosta sentenzi ricenti tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fi hdan l-Unjoni Ewropea (ara perezempju il-**Kaz C-386/10 Chalkor AE Epexergasias Metallon vs. Il-Kummissjoni Ewropea** deciz fit-8 ta' Dicembru 2011 u partikolarment fil-**Kaz C-501/11/P Schindler Holding and Others vs. ll-Kummissjoni Ewropea** deczi fit-18 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja strahet fuq il-kaz ta' **Menarini**);*

*Taht dan il-profil ta' min ifakkar li l-mudell procedurali ta' infurzar ta' kompetizzjoni fil-qafas tal-ligi Maltija jixxiebah hafna ghal dak li jinsab fil-ligi tal-Unjoni Ewropea u cjoè li l-investigazzjoni, id-decizjonijiet dwar jekk jekk hemmx ksur ta' kompetizzjoni u l-impozizzjonijiet ta' multi jittiehdu mill-istess awtorita amministrattiva (fil-kaz tal-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni Ewropea). Jigifieri jekk is-sistema Maltija hija bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem allura anke s-sistema mhaddna fl-Unjoni Ewropea hija hazina, haga li certament mhuwiex il-kaz;*

*Jigi b'hekk li f'dan il-kaz ma jista' jigi ravviat l-ebda ksur tal-artikolu **6 tal-Konvenzjoni Ewropea**;*

*10.lli dejjem minghajr hsara ghall-premess, safejn l-ilment tal-ghaqda rikorrenti huwa mibni fuq 1-allegat ksur tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, partikolarment fuq il-fatt lit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur mhuwiex 'qorti' fis-sens tad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jwiegeb hekk:*

*i. L-ewwel haga skont il-ligi Maltija proceduri ta' infurzar ta' kompetizzjoni mhumiex meqjusa bhala proceduri kriminali izda bhala proceduri amministrattivi. B'hekk tali proceduri ma jaqghux fl-ambitu tal-**artikolu 39(1) tat-Kostituzzjoni** ghaliex dan jitkellem biss fuq determinazzjoni ta' akkuzi kriminali - haga li m'ghandniex f'dan il-kaz*

*ii. Illi jekk ghal finijiet tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** wiehed ma jharisx lejn il-ligi Maltija izda jdur ghall-gurisprudenza hierga mid-decizjonijiet tal-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa allura wiehed irid japplika din il-gurisprudenza b'mod shih u mhux in pade kif donnha qed tipprova taghmel l-ghaqda rikorrenti*

*fir-rikors kostituzzjonali taghha. Ifisser dan li jekk anke ghall-ghanijiet tal-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** l-proceduri ta' infurzar ta' kompetizzjoni sejrin jitqiesu bhala proceduri kriminali (minkejja li l-ligi domestika ma tghidx hekk), allura wiehed irid ihaddan ukoll it-taghlim emergenti mill-gurisprudenza Ewropea illi trattasi minn kaz li johrog il barra mill-isfera tal-hard core of criminal law allura mhuwiex necessarju li hawnhekk wiehed jimxi rigidament mal-garanziji moghiija lill-processi kriminali, <u>b'dana li ma hemm xejn kontra l-jedd ta smiegh xieraq li stharrig ta' infurzar tal-ligi tal-kompetizzjoni jinstema' minn tribunal gudzzjarju u mhux minn qorti</u>*

iii. *U fil-verità mhuwiex 1-isem wahdu moghti lil tribunal partikolari li jaghmlu "qorti" u jew "mhux qorti" ghaliex wiehed ghandu necessarjament ihares lejn il-funzjonijiet jew kriterji ewlenin li korp moghti bis-setghat li jiggudika ghandu jew huma mill-ligi moghti li jkollu;*

iv. *Li propriju f'dan il-kaz it-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur ghandu l-istess karatteristki ta' qorti u l-istess setghat vestiti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili skont il-paragrafu 8 tat-Tieni Skeda tal-Kap 510 taI-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hemmx problemi li l-appell mid-decizjoni tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) jinstema' minnu;*

v. *Li l-kaz fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet vs. Ignatius Licari nomine** msemmi fl-ghaxar paragrafu tar-rikors kostituzzjonali kien jikkoncerna biss fuq min ghandu l-jedd li jagmel riferenza kostituzzjonali u ghalhekk ma jghoddx ghal dan il-kaz;*

vi. *Li t-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur huwa mmexxi minn Imhallef u allura dan it-tribunal ghandu l-istess garanziji ta' Qorti;*

vii. *Li z-zewg membri ordinarji li jifformaw it-Tribunal huma maghzula mill-Imhallef stess skont **l-artikolu 32(1) tal-Kap 510 tal-Ligijiet ta' Malta**; u*

viii. *Li d-decizjoni finali ex l-**artikolu 36(2) tal-Kap 510 tal-Ligijiet ta' Malta** trid tkun maqbula mill-lmhallef biex tkun tista' tinghata;*

*Ghalhekk anke l-ilment tal-ghaqda rikorrenti kif imsejjes fuq l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni mhuwiex wiehed misthoqq;*

*11. Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, anke jekk jitqies ghall-gieh tal-argument biss li t-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur mhuwiex qorti indipendenti u imparzjali fis-sens li jsemmi l-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, xorta wahda dawn ma jigustifkax li 1-ilment kostituzzjonali tal-ghaqda rikorrenti. Dan ghaliex mid-decizjoni tat-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur dejjem hemm dritt tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li l-ghaqda rikorrenti ha tkun imcahhda minn acccess ghall-Qorti;*
*Tassew il-fatt li hemm il-fakoltà li d-decizjoni ta' dan it-Tribunal tista' tigi appellata quddiem il-qrati taghna skont l-**13A(5) tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta** teskludi per konseguenza kwalunkwe vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq Propriju fuq dan jiktbu l-awturi **Jacobs, White & Ovey** fl-ahhar verzjoni tas-sena 2010 tal-ktieb taghhom, "The European Convention on Human Rights", f'pagna 269, li **"even where the first instance tribunal is not sufficiently independent, the availability of judicial review by an Article 6 -compliant Court will remedy the earlier defect"** (ara b'ezemplari **Bryan vs. United Kingdom** (App. 19178/91, 22 November 1995);*

*Infatti, kieku ghall-grazzja tal-argument kellu jigi accettat illi r-rimedju offrut quddiem it-Tribunal tal-Appelli ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur mill-Att dwar iI-Kompetizzjoni mhumiex sufficjenti, jibqa' l-fatt li wiehed jista' jirrikorri ghall-istharrig gudizzjarju ta ghemil amministrattiv taht l-artiklu **469A tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proceduri Civili**;*

*12 Illi wkoll minghajr pregudizzju ghalkemm l-ghaqda rikorrenti tallega fir-rikors kostituzzjonali taghha li t-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur mhuwiex qorti indipendenti u imparzjali, hija mkien ma tissostanzja din ix-xilja taghha u ghalhekk tali allegazzjoni taqa' wahidha;*

*lmma anke kieku stess, il-ligi nfisha fl-artikolu **32(8) tal-Kap 510 tal-Ligijiet ta' Malta** tghid lit-Tribunal tal-Appell ghandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tieghu u li 1-*

*membri tieghu ghandhom jagixxu fuq il-gudizzju individwali taghhom u m'ghandhomx ikunu suggetti ghad-direzzjoni jew kontroll ta xi persuna jew awtorità. Dan apparti li kull membru tat-Tribunal qabel ma jisma' xi kaz ghandu jiddikjara li huwa mhuwiex imfixkel b'xi kunflitt ta' interess;*

*13.llli fi kwalsiasi kaz l-esponenti jarawha kemmxejn stramba kif l-ghaqda rikorrenti tista' tqajjem suspetti ta imparzjalità meta t-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur ghadu lanqas biss gie interpellat fil-proceduri tal-kompetizzjoni. Tabilhaqq kif wiehed jista' jallega lit-Tribunal talAppell huwa biased jew ghandu xi simpatija zejda lejn xi naha meta dan ghad m'ghandu l-ebda kaz quddiemu li jinvolvi 1-partijiet kontendenti?;*

*14. Illi fir-rigward tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) il-ligi dwar l-Awtorità ta Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur tassigura l-indipendenza u l-awtonomija tal-istess Direttur Generali fid-decizjonijiet taghha (ara 1-**artikolu 7(3) u l-artikolu u 12 (4) tal-Kap 510**, kif ukoll l-**artiklu 3 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni**;*

*15.llli ghalhekk fil-fehma tal-esponenti ma hemm xejn anti-kostituzzjonali fid-dispozizzjonijiet tal-**Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta** li qed jigu attakkati mill-ghaqda rikorrenti;*

*16.llli fl-ahharnett dejjem bla hsara ghal dak kollu li nghad hawn fuq, hija inkoncepibbli t-talba tal-ghaqda rikorrenti biex huma jigu moghtija danni morali. Apparti li l-esponenti jhossu li l-ghaqda rikorrenti bhala entità legali u mhux fizika ma hijiex suxxettibbli ghal tbatija u ugiegh li jintitolawha ghal danni morali, xorta wahda f'dan il-kaz ma jirrizultax li jezistu l-estremi biex jigu likwidati u moghtija danni morali. Dan ghaliex jekk l-ghaqda rikorrenti issofri pregudizzju dan huwa dovut minhabba l-imgieba illegali taghha li tmur kontra l-principji tal-kompetizzjoni – naturalment f'kaz li wara l-investigazzjonijiet tieghu d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) jiddeciedi li twettqu prattici min-naha tal-ghaqda rikorrenti li jfixklu jew ixekklu l-kompetizzjoni bi hsara ghall-konsumaturi.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imfissra ir-rikors kostituzzjonali imressqa mill-Federation of Estate Agents ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom."*

Rat id-decizjoni taghha tas-16 ta'Marzu 2014 (a fol. 105 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-Assocjazzjoni Federation of Estate Agents tal-31 ta' Lulju 2014 (a fol. 301 et seq.);

Rat in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tal-Agent Direttur Generali (Kompetizzjoni) Tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat Generali tat-22 ta'Settembru 2014 (a fol. 320 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

In sintezi l-Assocjazzjoni rikorrenti fir-rikors promotur qeda timpunja l-proceduri legali mehuda kontra l-Assocjazzjoni mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) minhabba allegat ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 379 u l-Artikolu 101 (1) tat-Trattatt Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (**TFUE**), kif jirrizulta minn l-anness Dok. A (**Statement of Objections** – a fol 8 sa 35). Il-proceduri legali, fuq indikati qed jigu impunjati minhabba allegat ksur ta' dritt fundamentali taht l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (il-Konvenzjoni).

Fil-qosor, l-lanjanza ta' natura Kostituzzjonali da parti tar-rikorrenti, tippernja fuq Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li tezigi li meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali liema akkuza ma tigiex irtirata, ghandha tinghata smiegh xieraq, gheluq zmien ragionevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa mill-ligi. Ghal kuntrarju l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li jirrigwardja d-diterminazzjoni tad-drittijiet civili, jezigi li dawn izda jistghu jigu mismugha u determinati minn Qorti jew ***"other adjudicating authority prescribed by law."***

Illi l-entita' tal-multa hija wahda konsiderevoli u tista' tlahhaq miljun, mitejn u hamsin elf Ewro (Eur1,250,000) – vide Dok. A. a fol 24 Para. 69, 70, 71, u 72. Minn dan isegwi, dejjem

skond l-Assocjazzjoni rikorrenti, illi l-multa severa li tista' tigi imposta fuq l-Assocjazzjoni rikorrenti, hija ta' natura jew ghandha il-bixra ta' reat kriminali, liema reat kriminali ai tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jinghata smiegh xieraq minn "***Qorti"*** u mhux minn ***"Awtorita' ohra gudikanti imwaqqfa bil-ligi."***

L-intimat Direttur Generali (Kompetizzjoni) , l-Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru ssoleva diversi eccezzjoni fosthom :

Illi l-Onorevoli Prim Ministru gie mharrek inutilment ghaliex skond Artikolu 181B Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta l-prezenza tal-intimati l-ohra fil-kawza jibbastaw sabiex l-gudizzju ikun integru;

Illi l-azzjoni hija prematura u intempestiva il-ghaliex ebda decizjoni finali ma ttiehdet mill-istess ufficcju;

Illi hemm rimedju ordinarju il-ghaliex jezisti lok ta'Appell lit-Tribunal tal-Appell u sussegwentement lil Qorti tal-Appell (para. 7 sa 10 );

L-intimati ma jichdux li l-multi amministrattivi imposti taht Kap.379 jistghu jitqiesu bhala forom ta' pieni ta' natura kriminali, izda ma humiex *hardcore criminal law*, b'dana li mhux neccessarjament applikabbli il-garanziji mahsuba ghar-reati kriminali;

Gialadarba l-multi amministrattivi ma jitqiesux bhala *hardcore of criminal law* ma hemm xejn inkompatibbli ma multi amministrattivi imposti minn Awtoritajiet Amministrattivi minflok Awtorita' gudizzjarja; dan japplika anke jekk il-multi huma t'entita' kbira. Sakemm id-decizjoni tal-organu amministrattvi hija sindikabbli minn Awtorita' b'funzjonijiet gudizzjarji, l-htigijiet ta' smiegh xieraq huma sodisfatti;

Dan jirrizulta pienament minn gurisprudenza tal-Qorti Ewropea; Il-gurisprudenza citata fil-fatt tindika ma hemm ebda ksur taht Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghar-rigward ta' Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta'Malta l-intimati eccepew li l-infurzar ta' offizi taht Kap. 379 huma meqjusa bhala proceduri amministrattivi; Illi jekk kemm-il darba

dawn il-proceduri jitqiesu bhala proceduri kriminali skond l-ahhar gurisprudenza Ewropea allura trid tigi applikata ugwalment l-istess gurisprudenza Ewropea, fis-sens li l-garanziji moghtija fi process kriminali ma japplikawx bl-istess rigorozita' f'offizi li ma humiex *hardcore of criminal law*. Illi t-Tribunal tal-Appell kellu l-istess karatteristici u setghat ta' Qorti. Skond Kap. 510, huwa mmexxi minn Imhallef u zewg membri ordinarji ohra u moghni bl-istess garanziji ta' Qorti. Illi apparti dan hemm id-dritt t'appell quddiem il-Qorti tal-Appell, mid-decizjoni tat-Tribunal. Illi di piu' hemm ir-rimedju taht Artikolu 469A tal-Kap. 12. Illi t-tribunal tal-Appell huwa korp gudizzjarju indipendenti u imparzjali. Illi di piu l-Kap.379 jassigura l-indipendenza u l-awtonomija tad-Direttur Generali u d-decizjonijiet taghha, ghaldaqstant ma hemm ebda indoli kostituzzjonali fid-dispozizzjoni tal-Kap.379. In oltre entita' legali ma hijiex suxxettibbli ghal tbatija u wgiegh, ghaldaqstant ma hijiex intitolata ghal danni morali.

**Ikkonsidrat:**

L-Assocjazzjoni rikorrenti fil-provi taghha, ezebiet l-Att dwar il-Kompetizzjoni numru XXXI tal-1994 – Dok. RC1 a fol. 143– Vide verbal a fol. 141 tal-process.

Mill-provi mressqa mill-affidavit ta' Dr. Sylvann Aquilna Zahra (– Vide fol. 181 et seq.) jirrizulta li hija kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni mit-23 ta' Mejju 2011 sat-22 ta' Mejju 2014. Hija ikkonfermat li fl-1 t'Awwissu 2013, l-Ufficcju taghha baghat ittra Dok. OC1 lill-Assocjazzjoni rikorrenti, tinformaha illi kienet qed tohrog Stqarrija t'Oggezzjonijiet ai termini ta' Artikolu 12(A)(1) tal-Kap. 379 u nnotifikatha bl-oggezzjonijiet mressqa kontra taghha.

L-Istqarrija tal-Oggezzjonijiet stabbilit il-posizzjoni preliminari tal-Ufficcju taghha dwar allegat ksur ta' Artikolu 5 tal-Kap. 379 u Artikolu 101 tat-Trattatt dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-ghan tal-istqarrija hija sabiex l-Assocjazzjoni rikorrrenti tkun informatha bl-oggezzjonijiet imressqa kontra taghha u tipermettilha l-ezercizzju tad-dritt tad-difiza taghha bil-miktub. Infatti l-Assocjazzjoni rikorrenti giet provduta l-informazzjoni kollha mehtiega. Bl-access tal-*file* tal-kaz, l-Ufficcju Kompetizzjoni, assikura d-dritt ghas-smiegh xieraq fil-proceduri quddiemu li jixhbhu dawk li jidhru f'Council Regulation (EC) No. 1/2003, datati 16 ta' Dicembru 2002, skond Artikolu 81 u 82 tat-Trattatt (– Vide Dok. OC2 a fol. 185 et seq tal-process).

Fl-ittra Dok. OC1 l-Ufficju intimat, informa lill-Assocjazzjoni bid-drittijiet taghha ghall-access ghal-*file* (hamest ijiem tax-xoghol), u ghad-dritt tar-risposta taghhom (hamsa u erbghin gurnata) u ghat-themiz ta' kwalunkwe dokument rilevanti ghad-difiza taghha.

Illi l-Ufficcju intimat di piu akkorda estensjoni sas-7 t'Ottubru, 2013 ghar-risposta tal-Assocjazzjoni rikorrenti, u sahansitra ipprovdiet kopja tal-*file* - vide dokument OC 3 a fol 198 u 199, minghajr hsara ghall-esigenzi ta' kunfidenzjalita - vide dokument OC 4 a fol 201 u 202.

Fl-affidavit taghha Dr Aquilina Zahra ikkonfermat illi rceviet ittra datata 27 Settembru 2013 mill-avukati difensuri tal-Assocjazzjoni rikorrenti **li stidnuha tirtira l-Istqarrija tal-Oggezzjonijiet.** Dr Aquilina Zahra ikkonfermat, permezz tal-ittra taghha tat-2 t'Ottubru 2013 Dokument OC 5 a fol 203 u 204 li, l-Ufficcju intimat irrisponda li huwa kien mexa skond il-Kap. 379.

Fis-7 t'Ottubru 2013 l-Assocjazzjoni rikorrenti pprezentat is-sottomissjonijiet taghha u provi dokumentarja u talbet li taghmel sottomissjonijiet orali. Thejjiet seduta fis-7 ta' Novembru 2013 ghal dan il-ghan, nstemghu xi provi u s-seduta li gew irrikordjati. Kopja tar-*recording* inghata lill-Assocjazzjoni rikorrenti li talbet laqgha ulterjuri u din sehhet fl-14 ta' Novembru 2013, liema seduta wkoll giet rekordjata u kopja tal-istess inghatat lill-Assocjazzjoni rikorrenti.

Kif jirrizulta minn "*Notice On Cooperation Within the Network of Competition Authorities"* (2004), Dok OC 6 a fol 205 sa 210:

> ***"the structure of the NCAs varies between Member States. <u>In some Member States, one body investigates cases and takes all types of decisions.</u> In other Member States, the functions are divided between two bodies, one which is in charge of the investigation of the case and another, often a collegue, which is responsible for deciding the case. Finally, in certain Member States, prohibition decision and/or decisions imposing a fine can only be taken by a Court: another competition authority acts as a prosecutor bringing the case before that Court.***

Dr Aquilina Zahra xehdet illi l-mudell istituzzjonali l-aktar komuni fi hdan l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropeja, huwa l-mudell amministrattiva fejn l-Awtorita' singola, amministrattiva, tinvestiga kazijiet, tiehu wkoll decizjonijiet ta' nfurzar u timponi multi amministrattivi soggetti ghall-kontroll gudizzjarju. Kien biss f'minoranza zghira tal-Istati Membri li joperaw mudell gudizzjarju fejn awtorita' amministrattiva twettaq l-investigazzjoni imbghad jingieb il-kaz quddiem Qorti ghal decizjoni taghha.

In kontro-ezami Dr Sylvann Aquilina Zahra a fol 212A et seq ikkonfermat illi f'paragrafu 11 tal-affidavit taghha, kienet qed tirreferi ghall-ittra tas-27 ta' Settembru 2013 esebita u mmarkata bhala dokument SAQ 1 fol 214 sa 219. Dr Aquilina Zahra kkonfermat ukoll illi rceviet ukoll l-ittra SAQ 2 a fol 220. Mistoqsija kemm-il darba s-sottomissjonijiet li saru mill-Assocjazzjoni rikorrenti fiz-zewg seduti mizmuma fl-Ufficcju ntimat, kienux minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti fil-proceduri odjerni, Dr Aquilina Zahra ikkonfermat illi tiftakar li kien sar kliem f'dan is-sens fit-tieni seduta li sehhet fl-ufficju taghha, izda ma setghetx tiftakar jekk dan sar ukoll matul is-sottomissjonijiet bil-miktub.

Dr. Aquilina Zahra pprezentat Dok. SAQ3 datata 7 t'Ottubru 2013 li tikkontieni s-sottomissjonijiet tal-Assocjazzjoni rikorrenti ghas-Statement of Objections tal-1 t'Awwissu 2013 illi fiha l-Assocjazzjoni rikorrenti rribadiet brevement is-segwenti:

1. Illi r-rati lamentati **kienu rati stabbiliti mill-qedem skond l-uzu tal-kummerc (Vide Artikolu 3 Kap.13)** ghaldaqstant l-Assocjazzjoni rikorrenti ma tistghax tinstab li qeghda tilledi Artikolu 5 tal-Kapitolu 379 u Artikolu 101 tal-TFUE; illi di piu' l-Artikolu 101 TFUE **m'huwiex applikabbli** stante li ma hemm **ebda effett jew konsegwenza fuq kummerc bejn l-Istati Membri**;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, ebda "decizjoni" ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 379 u Artikolu 101 tal-TFUE ma ttiehdet mill-Assocjazzjoni rikorrenti, illi di piu'l-Assocjazzjoni **la hadet** tali decizjoni, wisq anqas **kellha l-poter skond l-Istatut taghha** li tistabilixxi r-rati tal-*commission*;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, il-publikazzjoni tar-rati lamentati kellhom l-iskop u l-effett **li jipprovdu informazzjoni lil publiku**, partikolarment l-istranieri u mhux dak li jirristringi jew jistorta l-kompetizzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, f’kaz li l-Ufficcju Kompetizzjoni timponi multa fuq l-Assocjazzjoni rikorrenti, tali decizjoni ghandha tkun konsiderata irragonevoli u ghaldaqstant nulla u nvalida stante li ma hemm hemm ebda kriterja oggettiv u trasparenti ghal quantum tal-multi, minhabba li l-Ufficcju Kompetizzjoni ghadu ma hargix *guidelines* li jiddeterminaw il-quantum tal-multi.

Dr. Sylvann Aquilina Zahra xhedet a fol. 212F illi l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Malti kien jifforma parti minn Network ta’ Competition Authorities Ewropei.

Paragrafu 17 ta’ Dok. SAQ4 jaghti indikazzjoni tal-*Institutional Models*. Dr. Aquilina Zahra kkonfermat li taf bir-rapport Dok SAQ4- l-uniku rapport li hareg minn ECN. Hija sostniet pero’ illi r-rapport huwa intiz bhala gwida u li hija tistrieh biss fuq s-*source* – cioe’ il-ligijiet tal-pajjizi membri.

**Ikkonsidrat:**

Il-kaz in ezami jirrigwarda il-kompatibilta’ o meno tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta’ Malta mal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall - Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bnieden u tal-Libertajiet Fondamentali (il-Konvenzjoni).

Skond il-Kap 379 tal-Ligijiet ta’Malta, id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni istitwit permezz ta’ Artikolu 13 tal-Kap 510, ghandhom s-setgha jinvestigaw (Art 12 tal-Kap.379), jiddeterminaw u jrazznu agir meqjus li jxekkel il-kompetizzjoni fis-suq ai termini tal-Arikoli 5 u 9 tal-Kap. 379.

Suspettat agir illegittimu b’allegat ksur tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 379 u Artikolu 101 u 102 tat-Trattatt dwar il-Funzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (TFUE), d-Direttur Generali johrog Stqarrija t’Oggezzjoni (f’dan il-kaz Dok. A a fol. 8 et seq.) skond l-Art 12A tal-Kap 379 bid-dritt tal-ghaqda tal-intrapriza rilevanti ghas-sottomissjonijiet taghha.

Artikolu 12A(6) u Artikolu 12D tal-Kap. 379 jakkorda lid-Direttur Generali, apparti dmirijiet t’investigazzjoni u poteri amministrivi, d-dover li jiddeciedi u jistabilixxi ksur o meno tal-

Kap. 379 jew tat-Trattatt. Darba stabilit il-vjolazzjoni, d-Direttur Generali ghandu johrog l-ordnijiet neccessarji, (Artikolu 13 Kap. 379) inkluz imposizzjoni ta' ***"multa ammistrattiva ta' mhux aktar minn ghaxra fil-mija tad-dhul totali tal-intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi koncernati"*** – Vide Artikolu 21 Kap. 379.

F'kaz ta' nuqqas ta' hlas tal-multa inflitta, l-ghaqda titqies li ikkomettiet "reat" u ergo hija soggetta ghal multa ulterjuri bejn elf u ghoxrin elf Ewro.

Mid-decizjoni tad-Direttur Generali hemm dritt t'Appell quddiem it-Tribunal t'Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur (Tribunal Appell) skond Artikolu 13A (1) Kap. 379. It-Tribunal Appell, skond l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 510, huwa kompost minn Imhallef u zewg membri ordinarji nominati mill-President ghal perjodu ta' tlett snin. Appell ma jissospendix awtomatikament il-multa amministrattiva inflitta, izda talba apposita tista' ssir lit-Tribunal. Hemm dritt t'appell mid-decizjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell **fuq punt ta' Ligi biss** – Vide Artikolu 13A (5) Kap. 379.

**Qabel d-dhul fis-sehh ta' Kap.379 f'Mejju 2011, il-ligi kienet tipprovdi ghal Ufficcju jew Direttur tal-Kompetizzjoni Gusta li kellu d-dritt jinvestiga allegat ksur, izda kienet il-Qorti tal-Magistrati li setghat timponi multi u dana f'kaz ta' sejbien ta' htija in segwitu ta' proceduri kriminali.**

Fil-kaz in ezami, wara investigazzjoni, d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) hareg Dok. A, Statement of Objections ( vide fol. 8 sa 35) fl-1 t'Awwissu 2013. Id-Direttur Generali li investiga l-allegat ksur, hija l-istess persuna li ser tiddeciedi dwar l-allegat ksur u tista' timponi multa ta' circa €1.2 million – Vide paragrafu 72 ta' Statement of Objections.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jistipola:

> ***" Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq***

> ***għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."***

L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> ***Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.***

Il-kwistjonijiet ewlenin li jehtiegu jigu analizzati huma:

(i) Jekk il-proceduri taht il-Kap. 379 ghandhomx il-fattizzi ta' reati jew akkuzi kriminali;
(ii) Jekk id-Direttur Generali u t-Tribunal Appell jistghux jitqiesu bhala "Qorti"
(iii) Jekk Direttur Generali / Tribunal Appell humiex tribunal indipendenti u imparzjali.

**Ikkonsidrat:**

Il-protezzjoni mahsuba bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni tinghata kemm-il darba persuna tkun akkuzata b'reat kriminali.

Fil-kaz in ezami, l-multa amministrattiva mahsuba hija skond l-Artikolu 21 tal-Kap. 379 u cioe ghaxra fil-mija tat-*turnover* tal-ghaqda, stmat €12 478,994.34 – cioe' multa ta' €1.247800 – Vide paragrafu 69 sa 72 ta' Dok. A a fol. 24.

Din il-piena hija tali li tikaratterizza n-natura tal-offiza bhala wahda kriminali?

In-nomenklatura moghtija lil multa bhala multa amministrattiva hija evidenza konklussiva tan-natura tal-offiza?

Il-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha **Engel and Others vs the Netherlands** App No 5100/71, 5102/71, 5354/72, 5370/72 deciza fit-8 ta'Gunju 1976 **stabbilit il-criteria, ghad-determinazzjoni ta' natura korretta t'offiza** partikolari, illum maghrufa bhala l-**Engel Criteria**. Infatti f'paragrafu 82 tas-sentenza l-Qorti Ewropea affermat:

***82. Hence, the Court must specify, limiting itself to the sphere of military service, how it will determine whether a given "charge" vested by the State in question - as in the present case - with a disciplinary character nonetheless counts as "criminal" within the meaning of Article 6 (art. 6).***

***In this connection, it is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.***

***The very nature of the offence is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act or omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal law. In this respect, the Court expresses its agreement with the Government.***

***However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the Contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so (see, mutatis mutandis, the De Wilde, Ooms and Versyp judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, p. 36, last sub-paragraph, and p. 42 in fine).***

(Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi di piu din il-Qorti kompliet tirritieni:

> ***If the Contracting States were able at their discretion to classify an offence as disciplinary instead of criminal, or to prosecute the author of a "mixed" offence on the disciplinary rather than on the criminal plane, the operation of the fundamental clauses of Articles 6 and 7 (art. 6, art. 7) would be subordinated to their sovereign will. A latitude extending thus far might lead to results incompatible with the purpose and object of the Convention.*** ***The Court therefore has jurisdiction, under Article 6 (art. 6) and even without reference to Articles 17 and 18 (art. 17, art. 18), to satisfy itself that the disciplinary does not improperly encroach upon the criminal.***
> ***In short, the "autonomy" of the concept of "criminal" operates, as it were, one way only.***
> (Enfasi ta' din il-Qorti)

Dawn il-kriterji gew abbracati f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea (ECHR) – Vide paragrafu 48 **Ozturk vs Germany** App 8544/79 deciza fil-21 ta' Frar 1984; **Bendenoun vs France** paragrafu 45 App 12547/86 deciza fil-24 ta' Frar 1994; **Jussila vs Finland** App 73053 paragrafu 30 deciza fit-23ta' Novembru 2006; **Janosevic vs Sweden** App 34619/97 paragrafu 68-69 deciza fil-21 ta' Mejju 2003; **Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic vs Sweden** App 34619/97 paragrafu 68-69 deciza fil-21 ta' Mejju 2003.

Tifsira ampja tal-kriterja ghad-determinazzjoni korretta ta' l-aspett kriminali o meno tal-offiza hija dik moghtija fil-kaz **Jussila vs Finland** App 73053/01 fejn jinghad:

> ***"10. The Court's established case-law sets out three criteria to be considered in the assessment of the applicability of the criminal aspect. These criteria, sometimes referred to as the "Engel criteria", were most recently affirmed by the Grand Chamber in Ezeh and Connors v. the United Kingdom ([GC] nos. 39665/98 and 40086/98, § 82, ECHR 2003-X).***

*"... [I]t is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.*

*The very nature of the offence is a factor of greater import. ...*

*However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. ..."*

*31. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see Ezeh and Connors, cited above, § 86). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see Öztürk v. Germany, 21 February 1984, § 54, Series A no. 73; see also Lutz v. Germany, 25 August 1987, § 55, Series A no. 123). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see Ezeh and Connors, cited above, § 86, citing, inter alia, Bendenoun, cited above, § 47).*

*32. The Court has considered whether its case-law supports a different approach in fiscal or tax cases. It observes that in Bendenoun, which concerned the imposition of tax penalties or a surcharge for evasion of tax (VAT and corporation tax in respect of*

> ***the applicant's company and his personal income tax liability), the Court did not refer expressly to Engel and Others v. the Netherlands (8 June 1976, Series A no. 22) and listed four elements as being relevant to the applicability of Article 6 in that case: that the law setting out the penalties covered all citizens in their capacity as taxpayers; that the surcharge was not intended as pecuniary compensation for damage but essentially as a punishment to deter re-offending;***

Applikati dawn il-principji ghall-offiza taht Kap. 379, din il-Qorti taghraf illi l-waqt li l-ligi Maltija (Kap 379) tikklassifika din l-offiza bhala wahda ta' natura amministrattiva, n-natura tar-reat u n-natura u severita' tal-piena, taghti bixra totalment diversa lill-offiza, b'mod li ma tistax ma titqiesix bhala wahda ta' natura kriminali. In fatti dan johrog car meta wiehed jezamina l-aspettattivi tal-piena mghotija ghall-offizi taht il-Kap 379 fid-dawl ta' paragrafu 47 tal-kaz **Bendenoun vs France** Ibid :

i) illi l-Kap. 379 japplika lic-cittadini kollha u mhux lil xi grupp specifiku;
ii) il-multa m'hijiex intiza ghal kumpens pekunarju ghal dannu soffert, izda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent;
iii) il-multa kienet imposta b'regola generali bi skop punittiv u li jservi ta' deterrent ;
iv) illi l-multa kienet wahda ta' entita' konsiderevoli.

Mehuda in konsiderazzjoni dawn l-aspettattivi, din il-Qorti ma tisghax ma takkoljix l-insenjament tal-ECHR meta kkonkludiet fil-kaz ta' **Bendenoun vs France** ibid:

> ***"Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively they made the 'charge' in issue a 'criminal' one within the meaning of Article 6 § 1 ...," ibid para. 47***

Illi hija l-fehma konsiderata' ta' din il-Qorti li l-argument tal-intimati - li ma jistghuwx jigu applikati kriterja ghall-tfittxija ta' natura inerenti t'offiza, skond gurisprudenza Ewropea meta si tratta tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm –il darba ma tigiex applikata fis-shih il-gurispridenza tal-Qorti Ewropea ghal materja kollha - ma treggix. Dan qieghed jinghad

ghaliex il-kriterji stabbiliti ghal kxif ta' natura intrinsika tal-offiza hija wahda oggettiva u kwazi xjentifika fil-precizjoni taghha. Dana ma jfissirx li din il-Qorti ma setghatx tesplora kriterji ohra ugwalment validi ghat-tfittxija ta' natura intrinsika tal-offiza.

Din il-Qorti tqis in oltre illi l-proceduri inizjati kontra r-rikorrent taht Kap. 379 m'ghandhomx minn natura ta' drittijiet u obbligi civili izda ghandhom is-sura ta' infurzar minn Awtorita' Governattiva a differenza ta' proceduri mahsuba taht l-Artikolu 27A Kap. 379.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-offizi li bihom tinsab mixlija l-Assocjazzjoni rikorrenti huma offizi ta' natura kriminali u dana kemm ghal dak li jirrigwarda d-dettami tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ghar-rekwiziti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata bil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jistipola li kull minn ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli **minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi** a differenza ta' determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili, fejn il-Kostituzzjoni tammetti ***"il-Qorti jew Awtorita' ohra gudikanti"*** (Vide 39(2) tal-Kostituzzjoni).

L-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jaghti t-tifsira ta' Qorti - u cioe' li "kull Qorti f'Malta li ma tkunx mwaqqfa' bi jew skond ligi dixxiplinarja". Di piu' Artikoli 95 u 99 tal-Kostituzzjoni li tikkoncerna l-Gudikatura jaghtu tifsira tal-Qorti Superjuri u Qrati Inferjuri rispettivament u dan ad esklussjoni ta' kwalunkwe forma ta' Tribunal iehor.

Dan huwa reaffermat mill-gurisprudenza kostanti taghna:

> ***"Meta l-Kostituzzjoni ssemmi il-Gudizzjarju taht il-Kap VIII minn Art 95 il-quddiem, issemmi biss il-Qrati Superjuri preseduti minn Mhallef u Qrati Inferjuri ppreseduti minn Magistrati. La jissemmew Tribunal u lanqas Presidenti jew Chairmen ta' Tribunali;…***
>
> ***Minn ghamel il-Kostituzzjoni bil-kelma Qorti ried ifihem biss Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri … u minn hadd izjed…"***

Vide **Montalto vs Clews noe** et deciza fis-26 ta' Mejju, 1987 mill-Prim Awla Sede Kostituzzjonali; Vide ukoll **Kummissarju tal-Artijiet vs Ignatius Licari noe** deciza fit-30 ta'Gunju 2004 mill-Qorti Kostituzzjonali.

Huwa kwasi superfluwu li jinghad li d-Direttur Generali mhuwiex Gudikant quindi ma jistax jigi kkonsidrat bhala Qorti, u certament mhuwiex mghoni b'indipendenza u mparzjalita' ta' Qorti mwaqqfa b'ligi u dan ghar-ragunijiet kollha indikati f'paragrafu 34 tan-nota t'osservazzjonijiet tal-Assocjazzjoni Rikorrenti.

It-Tribunal t'Appell huwa mwaqqaf skond l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 510, u kompost minn Mhallef u zewg membri ordinarji nominati mill-President li mhumiex gudikanti u li huma soggetti ghal remossjoni kull tlett snin u jithallsu mill-Prim Ministru – vide Art 32 (1) (2) (4), Art 21 (a) (b) tal-Kap 510. Certament ghalhekk ma jistghax jitqies li dan it-Tribunal huwa Qorti imparzjali u ndipendenti u mghoni bil-garanziji Kostituzzjonali.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi skond d-dettami tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, persuna mixlija b'offiza ta' natura kriminali trid tingieb quddiem **Qorti indipendenti u mparzjali imwaqqfa bil-ligi** sic et semplicitur u ebda korp aggudikanti ghajr Qorti ma jibbasta.

Hija l-opinjoni konsiderati ta' din il-Qorti illi tinkombi fuq l-istess Qorti li takkorda l-aqwa protezzjoni lic-cittadin fejn il-protezzjoni mghotija mill-Kostituzzjoni ta' Malta hija aqwa u aktar ampja minn dik akkordata taht il-Konvenzjoni Ewropeja. Dan japplika ugwalment fejn il-protezzjoni mghotija taht il-Konvenzjoni tghati salvagwardja aqwa minn dawk mghotija mill-Kostituzzjoni ta' Malta fejn si tratta d-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina r-rekwiziti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti taghraf li l-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Ewropea donnha turi caqliq li jista jindika li ma takkordax il-protezzjoni u garanziji strettissimi skond il-Kostituzzjoni ta' Malta Art 39(1) fejn jigu ddentifikati offizi illi jaqghu 'l hinn minn reati *hard core* tal-ligi kriminali.

F'dan is-sens il-Qorti ticcita s-sentenza **Jussila vs Finland** ibid a paragrafu 43:

> ***"There are clearly "criminal charges" of differing weight. What is more, the autonomous interpretation adopted by the Convention institutions of the notion of a "criminal charge" by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Öztürk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campbell and Fell v. the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v. France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Société Stenuit v. France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v. France, no. 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency (see Bendenoun and Janosevic, § 46 and § 81 respectively, where it was found compatible with Article 6 § 1 for criminal penalties to be imposed, in the first instance, by an administrative or non-judicial body, and, a contrario, Findlay, cited above)."***

Minkejja illi din il-Qorti tapprezza illi l-offizi kontemplati fil-Kap. 379 ma jistghux necessarjament jitqiesu bhala *"hard core criminal law*",jibqghu ta'bixra kriminali. Dan ifisser li ghalkemm mhuwiex neccessarju ghal Stati Membri li jimxu b'rigorozita' mal-garanziji akkordati fi proceduri purament u intrinsikament kriminali, l-Istati Membri ghandhom xorta josservaw s-salvagwardji menzjonati fl-istess Gurisprudenza ricenti tal-Qorti Ewropea.

Infatti skond l-*Institutional Models,* mhuwiex inawdit li l-investigazzjoni u l-process ta' determinazzjoni jsir mill-istess persuna jew ufficju **basta li c-cittadin jinghata dritt t'appell shih**, u cioe fuq il-kwistjonijiet indisputa, fuq punti ta' fatt u ta' ligi quddiem Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali.

**Ikkonsidrat:**

Kif gia inghad, it-Tribunal t'Appell huwa mwaqqaf skond l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 510, u kompost minn Mhallef u zewg membri ordinarji nominati mill-President li mhumiex gudikanti u li huma soggetti ghal remossjoni kull tlett snin u jithallsu mill-Prim Ministru – vide Art 32 (1) (2) (4), Art 21 (a) (b) tal-Kap 510. Ghalhekk ma jistghax jitqies li dan it-Tribunal huwa korp gudikatrici imparzjali u ndipendenti, minkejja li jista'jkun mghoni b'gurisdizzjoni piena fuq il-kwistjonijiet indisputa bi dritt li jissindika appell fuq punti ta' fatt u ta' ligi.

Illi finalment c-cittadin jista' jappella quddiem il-Qorti tal-Appell pero' dan l-appell **huwa ristrett ghall-appell fuq punt ta' ligi biss** – Vide Artikolu 13A(5) Kap. 379.

**Illi dan jikkozza mar-rekwiziti indikati fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, fejn il-Korp gudikatrici irid ikun soggett ghal kontrol posterjoli minn gudikant b'gurisdizzjoni piena li tipprovdi l-garanziji mahsuba f'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u cioe sindakar ta' decizjoni amministrattiva fuq il-kwistjonijiet kollha in disputa kemm fuq punti ta' fatt u ta' ligi – Vide Le Compte vs Belgium pagrafu 29 deciza fl-10 ta'Frar 1983.**

**Illi d-decizjoni ricentissima ta' A Menarini Diagnostics S.R.L. vs Italia (App No 43509/08) f'paragrafu 57 sa 59 turi caqliq sinjifikanti fil-gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea:**

> ***57. La Corte osserva che i motivi di gravame della società ricorrente riguardano il diritto di accesso ad un giudice avente piena giurisdizione e il controllo giurisdizionale, presumibilmente incompleto, della decisione amministrativa dall'AGCM.***
>
> ***58. In questo caso, la sanzione contestata non è stata inflitta da un giudice dopo un procedimento nel contraddittorio delle parti, ma dall'AGCM. Se conferire alle autorità amministrative il compito di perseguire e punire le***

***contravvenzioni non è incompatibile con la Convenzione, va sottolineato, tuttavia, che il soggetto interessato deve essere in grado di impugnare ogni decisione adottata nei suoi confronti davanti ad un giudice che offra le garanzie di cui all'articolo 6 (Kadubec c. Slovacchia, 2 settembre 1998, § 57, Raccolta delle sentenze e decisioni 1998-VI, e Canady c. Slovacchia, non 53371/99, § 31, 16 novembre 2004).***

***59. La conformità con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorità amministrativa. Si presuppone però che la decisione di un' autorità amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena (Schmautzer, Umlauft, Gradinger, Pramstaller, e Palaoro Pfarrmeier c. Austria, sentenza del 23 ottobre 1995, la nostra serie A, 328 AC e 329 AC, § § 34, 37, 42 e 39, 41 e 38). Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi è il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui è adito (Chevrol c. Francia, no 49636/99, § 77, CEDU 2003-III, e Silvestro Horeca Service c . Belgio, n. 47650/99, § 27, 4 marzo 2004).***

Din is-sentenza tal-Qorti Ewropea kienet fis-sens li ma tissustix vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1), minkejja li d-decizjoni t'organu amministrattiv li giet sindikata minn Tribunal gudizzjajru,

***"anche se il giudice amministrattivo non ha alcun potere di sostituirsi all'autorita' amministrattiva indipendente"***, cioe' dritt t'appell limitat. Ghandu jinghad illi dan il-kaz kien wiehed pjuttost **partikolari** fis-sens li kien jirrigwarda **kartell fuq prezzijiet ta'medicinali li jintuzaw minn nies li jbatu bid-*diabete*.** Illi di piu' huwa biss il-kaz Menarini ibid li jikkoncernaw il-ligi tal-kompetizzjoni u f'ebda wiehed minn dawn is-sentenzi ma gie reaffermat li offizi dwar kompetizzjoni, ma tistax, mehud in konsiderazzjoni l-entita' tal-multa inflitta tigi klassifikata bhala *hard core criminal law*. Ghandu jinghad di piu' li l-kaz **Societe Stenuit vs France** (Appl No 11598/85) deciz 27 ta' Frar 1992 kien wiehed li gie dikjarat transatt.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-intimati datata 3 ta'Dicembru 2013 a fol. 67 fis-sens illi l-Onor. Prim Ministru gie mharrek inutilment stante l-gudizzju huwa integru skond Artikolu 181 B Kap.12.

Artikolu 181B tal-Kap.12 jistipola:

> ***"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni: Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan lartikolu:***
> ***(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;***
> ***(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;***
> ***(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal- Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.***
>
> ***(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.***

> ***(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali ssir bla ħlas lir-reġistratur."***

Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza **Glen Bedinfield vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fil-31 ta'Lulju 2000, il-Qorti Kostituzzjonali irriaffermat li l-Avukat Generali jirrispondi ghal dik il-parti tal-lanjanza Kostituzzjonali **"li tattakka l-validita' ta' provvediment legislattiv."** - Vide ukoll **Alfred Spiteri vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta** deciza fis-7 t'Ottubru 2013 Qorti Kostituzzjonali.

Ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tordna li l-Onorevoli Prim Ministru jigi mehlus mill-harsien ta' dan il-gudizzju.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni cioe' l-intempestivita' tal-azzjoni tar-rikorrenti, il-Qorti tifhem illi hija l-ligi stess cioe' Artikolu 12A, 13, 13A, 21 tal-Kap 379 illi qed tigi impunjata. Ergo akkuza ai termini tal-ligi Kap 379, akkuza li ma gietx irtirata, li tikkozza ma l-Artiklu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tilledi d-drittijiet fundamentali tal-Assocjazzjoni rikorrenti b'modd immediat.

In oltre skond Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll il-korrispondenti Artiklu fil-Konvenzjoni Ewropeja u cioe' Artikoli 4(1) Kap 319, **huwa bizzejjed** ghall-azzjoni dwar indoli kostituzzjonali, li d-drittijiet lamentati **jkunu qed jigu jew x'aktarx ser jigu miksura.**

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati fis-sens d-decizjoni tad-Direttur Generali mhux wahda finali, u s-sentenza **Mustefa Mustefa Al Muhamad vs Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Interni** deciza fil-24 ta'Frar 2012 citata in sostenn.

Il-Qorti taghraf illi s-sentenza citata tirrikjedi li l-proceduri jwasslu ghal-decizjoni li torbot u li tkun tikkoncerna drittijiet u obbligi civili. Il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami id-decizjoni tad-Direttur Generali hija certament wahda li torbot u li anke f'kaz ta' appell quddiem it-Tribunal, dan mhux necessarjament jissospendi d-decizjoni tad-Direttur Generali li ghalhekk tibqa' vinkolanti - Vide Artiklu 12A (6) u 13A (3). Di piu' nuqqas ta' hlas ta' multa mposta mid-Direttur Generali, twassal ghall-impozizzjoni ta' multa ulterjuri. Vide 21A tal-Kap 379. Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimati.

Din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji stante il-Artiklu 469A (4) Kap 12 jistipula illi ma jistax jintuza l-Artiklu 469A fejn att amministrattiv jista' jigi kontestat jew rimedjat quddiem Qorti jew Tribunal skond xi ligi ohra.

Il-Qorti rat u ezaminat dak sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati minn paragrafu 112 sa 115 u taghraf illi ebda prova ta' *foreign law* ma saret kif imiss mill-intimati waqt il-proceduri odjerni, ghaldaqstant m'hiex ser tiehu konjizzjoni tal-istess.

Illi b'referenza mbaghad ghal paragrafi 120 sa 122, tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, l-Qorti taghraf illi, l-fatt li gew introdotti recentement ligijiet li permezz taghhom Awtoritajiet Amministrattivi gew moghnija b'poteri li jimponu multi serjissimi li jista' jkollhom bixra ta' piena kriminali, **ma jirregalawx aktar legittimita'** lil multi mahsuba taht il-Kap.379 - fil-kaz in ezami dik ta' €1.2 million. Anzi ghal kuntrarju dan **iservi biss biex jawmenta t-thassieb** ta' din il-Qorti ghas ***slippery slope*** f'tnaqqir ta' drittijjiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali u dan qed jinghad ghar-referenza li saret mill-intimati ghall-Artikolu 33 Kap. 418; Artikolu 16A Kap. 370; Artikolu 31(1) Kap. 423; u Artikolu 68(1) Kap.438.

Din il-Qorti gharblet dak sollevat f'paragrafi 130 il-quddiem fis-sottomissjonijiet tal-intimati u taprezza d-diffikoltajiet kbar u reali tal-Legislatur Malti li ghandu d-dover jintroduci mezzi legislattivi sabiex jassikura aktar efficienza fis-sistema gudizzjarja u sabiex jonora obbligi

internazzjonali u reggionali ghal konformita' ma Konvenzjonijiet Internazzjonali u Ligijiet Ewropea.

Izda d-dritt ta' smiegh xieraq ma jistghax jigi sagrifikat ghall-ghanijiet t'efficienza u konformita'.

Fejn titnezza biss n-nomenklatura jew isem t'offiza, izda tinzamm u tigi awmentata il-piena li gudikanti solitu jirravvizzaw fl-aghar reati kriminali (bhal traffikar ta' drogi, *money laundering* u kuntrabandu), m'huwiex sancit s-sagrificju ta' dritt ta' smiegh xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti mwaqqaf mill-ligi skond 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi hemm bzonn m'huwiex it-tkattir ta' tribunali, izda t-twaqqif ta' Qrati Specjalizzati, bhal *Admiralty Courts*, Qrati Kriminali f'oqsma specjalizzati fosthom dik ta' Kompetizzjoni Gusta, *Juvenile Courts* u ohrajn, mwaqqfa skond il-ligi, b'protezzjoni shiha tad-dritt smiegh xieraq u tishieh u sostenn b'persuni kwalifikati ghal Qrati Superjuri sabiex ma jinholoqx *bottle neck* fl-appelli.

Hija il-fehma umili ta' din il-Qorti illi f'kaz ta' ksur ta' smiegh xieraq, li jirrizulta anka minn ezami mad-daqqa t'ghajn, illi l-kuncett ta' intempestivita' ma jistghax jiggebbed biex jkun hu stess, forma ta' ingustizzja kbira ghac-cittadin Malti; cittadin li jkollu jissaporti l-gerha t'ingustizzja, jissaportiha sakemm din ikollha konsegwenzi kwazi fatali sakemm il-Qrati wara zmien sostanzjali, jippronunzjaw definittivament li tali ngustizzja sehhet u jipprovdu kumpens pekunarju lill-moribond. Din mhix gustizzja li tiftiehem minn u tixraq lill-poplu Malti.

Illi fejn, bhal kaz in ezami, jirrizulta lil Qorti, akkuza (f'dan il-kaz *Statement of Objections*) li espressament sar r-rifjut tal-irtirar taghha, t'offiza ekwivalenti ghal-reati kriminali m'aktar gravi (bi piena ta' € 1.2 million) is-smiegh xieraq ghandu jsir quddiem Qorti mparzjali u indipendenti skond il-garanziji u protezzjoni mahsuba fl-Artikolu 39(1)tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Jidher illi l-ahhar gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fosthom **il-kaz Menarini** qeghda titbieghed mir-radici fondamentali mahsuba mill-missirijiet li fasslu l-Konvenzjoni Ewropea.

Din il-Qorti umilment u genwinament tqis illi din il-gurisprudenza ricenti  ma tirrifletttix l-ispirtu tal-ligijiet mhaddna u protetti mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, li minkejja il-kaz Menarini, d-disposizzjoni tal-ligi 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap 379 jikkozzaw mad-dettami tal-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata minn Kapitolu. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra d-danni morali mitluba u taghraf illi minkejja dak sollevat fl-ahhar eccezzjoni tal-intimati, l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Avukat Generali,** deciza 8 ta' Mejju 2003, reaffermat illi meta jigi lez dritt fundamentali **ta' persuna**, anki **wahda guridika**, jistghu jinghataw  u jigu akkordati danni morali.  Dan huwa wkoll reaffermat fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Comingersoll SA vs Portugal** deciza 6 t'April, 2000.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kostatazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali fil-kaz in ezami, tikkostitwixxi minnha nniffisha ***"sufficient just satisfaction"*** u ghaldaqstant din il-Qorti ma jidhriliex li huwa kaz li ghandha takkorda danni morali.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tillibera lill-Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati rimanenti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-Assocjazzjoni rikorrenti in vista tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata 25 ta' Settembru, 2014,  tilqa' t-talbiet tal-Assocjazzjoni rikorrenti numerati tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta u tichad is-seba' talba tal-Assocjazzjoni rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Direttur Generali (Kompetizzjoni) u l-Avukat Generali.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------